Ref Nru 17

Il-minuti tas-sbatax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2016, fis-7:00 ta' filghaxija fil-kamra tal-laqghat fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Paul Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzati:

| | |
|---|---|
| Vici Sindku | Paul Buttigieg |
| Kunsillier | Karl Buttigieg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Kontijiet pendenti.**

2.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Edward Scerri. Is-Sindku semma li l-Perit ipprepara kontijiet ta' xi xogholijiet li saru bil-konkos ta' Salvu Camilleri and Sons Ltd. Is-Sindku semma li huwa flimkien mal-Perit u l-Kuntrattur marru fuq il-postijiet fejn saru x-xogholijiet. Il-Perit semma li jidher li l-*area* ikkalkulata taqbel mal-ammonti tal-konkos li ngab. Kien hemm xi bnadi fejn l-*area* ma setghetx tigi mkejla peress li sar xi xoghol ta' *tarmac* fuq l-istess konkos. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandha tigi ntrodotti sistema fejn meta jkun ser issir bicca xoghol kbira, il-Perit ghandu jmur ikejjel minn qabel sabiex jara l-ammont ta konkos li jrid jingab, b'hekk il-Kunsill ikun jaf kemm irrid jordna konkos. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill qabel mal-kontijiet tal-Perit u ghalhekk qabel ukoll li jista` jithallas il-kuntrattur. Gie diskuss li kien hemm xi kontijiet zghar u li dawn ma kellux ghalfejn isir kejl taghhom. Is-Segretarja semmiet li hija trid ticcara xi affarijiet. Hija semmiet li xi membru tal-Kunsill mar jinforma lill-kuntrattur jigifieri Salvu Camilleri and Sons Ltd., li hi ma riditx thallas il-kontijiet kollha tieghu, sahansitra semmiet li ragel informa lir-ragel taghha (ir-ragel tas-Segretarja) li l-kuntrattur qallu li martu (jigifieri s-Segretarja) kienet ser izomm milli thallas l-istess kuntrattur l-kontijiet tieghu li jammontaw ghas-somma ta' €10,000. Hija semmiet li dan il-kuntrattur ilu joffri s-servizz tieghu lill-Kunsill ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena, kemm ilha Segretarja hi, u li qatt ma kellha problemi mieghu. Hija semmiet li d-decizjoni tal-Kunsill sabiex il-Perit ikejjel l-ammont ta' konkos li jingab (kif hemm imsemmi aktar il-fuq) saret peress li hija kienet informat lis-Sindku li darba minnhom gie haddiem li huwa assenjat mal-Kunsill, fejn gab *chit* (*delivery note)* ta' konkos u qal li darba ohra mhux ser jiffirma peress li ngab konkos nieqes, jigifieri

mhux kif kien hemm miktub fid-*delivery note*. Kif ukoll instabu *delivery notes* li kienu b'firma b'ismu imma ma kinitx firma tieghu. Is-Segretarja semmiet li hi kull m'ghamlet huwa xogholha u ghall-ahjar interess tal-Kunsill u li jekk xi hadd ried imur jitkellem mal-kuntrattur messu informah bid-decizjoni li ha l-Kunsill u mhux wahhal fiha. Is-Sindku semma li l-ebda Kunsill jew Dipartiment ma juzaw is-sistema tac-*chits* u li l-Kunsill Lokali Qala barra li qed juza din is-sistema qed juza wkoll is-sistema fejn imur ikejjel il-Perit sabiex ikun hemm aktar kontroll.

**3 Haddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*.**

3.1 Is-Sindku semma li gie assenjat haddiem iehor tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* li jismu Stephen Mamo. Dan il-haddiem qed jiehu hsieb il-manutenzjoni u tindif fi 'Gnien il-Familja' u li qed jaghmel xoghol tajjeb. Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva *email* mill-General Manager Kenneth Cutajar mid-District Operations Ltd tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* fejn il-haddiem li hu assenjat mal-Kunsill Frank Said qed jahdem xi sighat zejda u li l-Kunsill irid ihallas lil Said ta' dawn is-sighat zejda. Is-Sindku semma li huwa nforma lil Kenneth Cutajar sabiex huma jiehdu hsieb ta' din is-sitwazzjoni.

**4 Hamsin siegha *Community Work* mal-Kunsill Lokali – Sentenza tal-Qorti.**

4.1 Is-Sindku semma li kif diga` informa lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *email* fejn semma li huwa gie nformat minn *Probation Officer* tal-Qorti dwar jekk il-Kunsill jaccettax li Joseph Portelli mill-Qala stess jaghmel hamsin siegha *Community Work* mal-Kunsill Lokali wara sentenza li nghatat lilu mill-Qorti. Is-Sindku semma li dan jista` jaghmel xoghol fi 'Gnien il-Familja' ukoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

**5 Premju Unur Gieh il-Qala 2016.**

5.1 Is-Sindku semma li saret talba mill-Iskola Primarja tal-Qala sabiex Mrs Effie Brown tinghata Premju Unur Gieh il-Qala din is-sena peress li din mhiex ser tibqa taghmel xoghol volontarju fl-iskola ghax ser issiefer lura lejn pajjizha fl-ahhar tas-sena. Is-Sindku semma li tista` tinghata dan il-premju mal-qassisin izda wara l-Kunsill iddecida li minflok li tinghata Premju Unur Gieh il-Qala ghandha tinghata rikonoxximent waqt attivita` tal-iskola.

**6 *Shifting* tal-*bus stop* ta' Triq il-Qala.**

6.1 Is-Sindku semma li saret talba minghand persuna li ghandha *flat* fi Triq il-Qala u trid li l-*bus stop* li hemm quddiem dan l-istess *flat* titressaq. Wara diskussjoni dwar post alternattiv, gie deciz li ghandha tibqa` fejn hi ezistenti sabiex ma jinholqux problemi ma persuni ohra.

Giet diskussa din il-materja:

Is-Sindku semma li ghandhom jigu ordnati *bins* tal-klieb sabiex jitpoggew fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel ma dan.

Giet trattata ittra mibghuta mill-Koordinatur Ivan Cefai mir-Radju Lehen il-Qala dwar proposta sabiex fi zmien il-Milied dan l-istazzjon jipprovdi servizz ta' *audio entertainment* fi Triq it-28 t'April 1688 ghal prezz ta' €900. Is-Sindku ippropona li ghandu jsir xi haga simili fil-Pjazza wkoll. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**7. Aggornament.**

7.1 Il-laqgha ntemmet fid-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |